31996R0499

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 499/96
tad-19 ta' Marzu 1996
li jintroduċi u li jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi ta' Komunità għal ċerti prodotti tas-sajd u ta' żwiemel ħajjin li joriġinaw fl-Islanda

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi ġie milħuq Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda [1];

Billi, wara l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, il-Ftehim hawn fuq imsemmi għandu jiġi aġġustat biex jagħti kas, b'mod partikolari, ta' l-arranġamenti kummerċjali eżistenti għall-prodotti tas-sajd bejn l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, min-naħa waħda, u l-Islanda, min-naħa l-oħra;

Billi, għal dak il-għan, ġie konkluż Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim hawn fuq imsemmi, approvat bid-Deċiżjoni 96/147/KE [2] kif ukoll bħala Ftehim f'forma ta' Skambji ta' Ittri approvat bid-Deċiżjoni 95/582/KE [3] bejn il-Komunità u l-Islanda; billi bis-saħħa ta' dawn l-istrumenti l-Komunità ntrabtet li tintroduċi, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kwoti ta' tariffi tal-Komunità mingħajr dazju għal numru ta' prodotti li joriġinaw fl-Islanda;

Billi l-kwoti ta' tariffi msemmija għandhom x'jaqsmu ma' perjodu indefinit u għalhekk, għal raġunijiet ta' effiċjenza u sabiex tkun simplifikata l-implimentazzjoni tal-miżuri konċernati, jidher xieraq li jkun provdut sabiex l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament titpoġġa fuq livell multi-annwali;

Billi, għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, għandha ssir disposizzjoni biex tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni ddaħħal fis-seħħ, wara li tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, l-emendi u l-addattamenti tekniċi meħtieġa ta' dan ir-Regolament li joħorġu mill-emendi dwar in-nomenklatura magħquda u l-kodiċi tat-Taric, estensjonijiet tal-miżuri tat-tariffa, addattamenti meħtieġa wara l-konklużjoni ta' protokolli jew skambji ta' ittri, emendi għal dan ir-Regolament għall-implimentazzjoni ta' kull strument ieħor fil-qafas tal-Ftehim imsemmi fuq kif ukoll adattamenti għal volum, perjodi u r-rati tal-kwoti li joħorġu minn deċiżjonijiet mill-Kunsill;

Billi l-importaturi kollha tal-Komunità għandhom jiġu żgurati aċċess indaqs u kontinwu għat-tali kwota u r-rata ta' dazju stabbilita għall-kwota għandha tkun applikata mingħajr interruzzjoni għall-importazzjonijiet kollha tal-prodott imsemmi fl-Istati Membri kollha sakemm il-kwota tiġi eżawrita, matul il-perjodu sħiħ tal-validità tal-ftehim ma' l-Islanda;

Billi d-deċiżjoni għall-ftuħ, fit-twettiq ta' l-obbligi internazzjonali tagħha, tal-kwoti tat-tariffi għandha tittieħed mill-Komunità; billi, sabiex tiżgura l-effiċjenza ta' amministrazzjoni komuni ta' dawn il-kwoti, ma hemm ebda raġuni għalfejn l-Istati Membri ma għandhomx ikunu awtorizzati li jiġbdu mill-volumi tal-kwota, il-kwantitajiet meħtieġa li jikkorrispondu għall-importazzjonijiet attwali; billi dan il-metodu ta' amministrazzjoni jeħtieġ koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u din ta' l-aħħar b'mod partikolari għandha tkun kapaċi tissorvelja r-rata li biha jkunu qegħdin jintużaw il-kwoti u tavża lill-Istati Membri kix xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, id-dazji doganali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw fl-Islanda li hemm referenza għalihom f'dan ir-Regolament għandhom jiġu sospiżi fil-limiti tal-kwoti ta' tariffi tal-Komunità murija għal kull prodott.

2. L-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd ma għandhomx jikkwalifikaw għall-kwoti ta' tariffi sakemm il-prezz liberu fil-fruntiera stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura [4] jkun mill-anqas daqs kwalunkwe prezz ta' referenza li kien ġie stabbilit mill-Komunità għall-prodotti jew għall-kategoriji tal-prodotti msemmija.

3. Id-disposizzjonijiet tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda li jiddefinixxu l-kunċett tal-prodotti ta' oriġini u li jistabbilixxu l-arranġamenti għal koperazzjoni amministrattiva, kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni Nru 1/94 tal-Kumitat Konġunt tal-KE-Islanda [5], għandhom jgħoddu.

Artikolu 2

Il-kwoti ta' tariffi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni, li tista' tieħu kwalunkwe miżura amministrattiva xierqa sabiex tiżgura amministrazzjoni effiċjenti.

---

(1) ĠU L 301, tal-31.12.1972, p. 2.
(2) ĠU L 34, tat-13.2.1996, p. 33.
(3) ĠU L 327, tat-30.12.1995, p. 17.
(4) ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).
(5) ĠU L 204, tas-6.8.1994, p. 62.

Artikolu 3

Jekk importatur jippreżenta fi Stat Membru dikjarazzjoni tad-dħul għal ċirkolazzjoni libera inkluża talba għal benefiċċju preferenzjali għal prodott kopert b'dan ir-Regolament, u jekk din id-dikjarazzjoni tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu, mill-volum tal-kwota permezz ta' notifika lill-Kummissjoni, kwantità li tikkorrospondi għal dawk il-ħtiġiet.

It-talbiet għat-teħid, b'indikazzjoni tad-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet imsemmija, għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

It-teħid jingħata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dħul fis-seħħ taċ-ċirkolazzjoni libera mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri konċernati, sakemm il-bilanċ disponibbli jippermetti dan.

Jekk Stat Membru ma jużax il-kwantitajiet kollha meħuda, huwa għandu jġibhom mill-ġdid, mill-aktar fis possibbli, għall-volum tal-kwota li tikkorrispondi.

Jekk il-kwantitajiet mitluba huma aktar mill-bilanċ disponibbli tal-volum tal-kwota, l-allokazzjoni ssir fuq bażi *pro rata* skond it-talbiet. L-Istati Membri għandhom jiġu avżati b'dan mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi l-aċċess ugwali u kontinwu lill-importaturi tal-prodotti msemmija għall-kwoti sakemm il-bilanċ tal-volum tal-kwota li tikkorrospondi jippermetti dan.

Artikolu 5

1. Id-disposizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari:

(a) l-emendi u l-adattamenti tekniċi, sakemm ikunu meħtieġa, li joħorġu mill-emendi tan-nomenklatura magħquda u l-kodiċi tat-Taric;

(b) l-adattamenti meħtieġa li jirriżultaw mill-konklużjoni mill-Kunsill tal-protokolli jew l-Iskambji ta' l-Ittri bejn il-Komunità u l-Islanda fil-qafas tal-Ftehim li hemm referenza għalih f'dan ir-Regolament;

(ċ) il-prorogazzjoni tal-miżuri tat-tariffi li jikkonformaw mad-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim li hemm referenza għalih f'dan ir-Regolament;

(d) l-adattamenti meħtieġa għall-volumi, perjodi u dazju tal-kwota li joħorġu mid-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill; u

(e) l-emendi għal dan ir-Regolament meħtieġa għat-twettiq fil-prattika ta' kwalunkwe att ieħor fil-qafas tal-Ftehim li hemm referenza għalih f'dan ir-Regolament

għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2).

2. Id-disposizzjonijiet adottati bi qbil mal-paragrafu 1 ma għandhomx jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex:

— ittella' bilanċ ta' kwantitajiet preferenzjali minn perjodu wieħed ta' kwota għal ieħor,

— timmodifika l-iskeda stabbilita fil-ftehim jew fil-protokolli,

— tittrasferixxi kwantitajiet minn kwota waħda għal oħra,

— tintroduċi u tamministra kwoti li jirriżultaw minn ftehim ġodda,

— tadotta leġislazzjoni li taffettwa l-amministrazzjoni tal-kwoti li huma soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-importazzjoni.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 [1].

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jwassal l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-president jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha titwassal bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill jeħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom jiġu mogħtija piż bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president ma għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri, li għandhom jibdew jgħoddu minnufih. Iżda, jekk dawn il-miżuri mhumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

— il-Kummissjoni għandha tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li hija tkun ddeċidiet għal tlett xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni,

— il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu li hemm referenza għalih fl-ewwel paragrafu.

3. Il-Kumitat jista' jeżamina kwalunkwe mistoqsija dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li titqajjem mill-president tagħha jew fuq l-inizzjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru.

Artikolu 7

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi mħares.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1995.

---

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mill-Att ta'Adeżjoni ta' l-1994.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

W. LUCHETTI

ANNESS

Ordni Nru	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-Taric	Deskrizzjoni	Ammont ta' kwoti (ℓt)	Dazju tal-kwota (%)
09.0791	0101 19 10	—	Żwiemel ħajjin	100 ras	0
	0101 19 90	—			
09.0793	0302 12 00	—	Salamun, frisk jew imkessaħ	50	0
	0304 10 13	—	*Fillets* tas-salamun, friski jew imkessħin		
	0304 20 13	—	*Fillets* tas-salamun iffriżati		
09.0794	0302 23 00	—	Lingwata, friska jew imkessħa	250	0
	0302 29	—	Megrim u ħut ċatt ieħor, frisk jew imkessaħ		
	0302 69 85	—	Merlangu kaħlani, frisk jew imkessaħ		
	0303 32 00	—	Barbun iffriżat		
	0303 79 96	—	Ħut ieħor iffriżat		
	0304 10 19	—	*Fillets* tal-merlangu (*coalfish*), imkessħin jew iffriżati		
	0304 10 33	—	Ħut tal-merlangu (*coalfish*), frisk jew imkessaħ		
	0304 10 35	—	*Fillets* tas-salamun (*redfish*), imkessħin jew iffriżati		
	ex 0304 10 38	0304 10 38 *10 *20 *50 *90	*Fillets* oħra tal-ħut, għajr ta' l-aringi u tal-kavall, friski jew imkessħin		
	0304 10 98	—	Laħam ieħor tal-ħut, frisk jew imkessaħ		
	0304 20 19	—	*Fillets* iffriżati ta' ħut ieħor ta' l-ilma ħelu		
	0304 90 35	—	Laħam friżat tal-merluzz ta' l-ispeċi *Gadus macrocephalus*		
	0304 90 38	—	Laħam iffriżat tal-merluzz ta' l-ispeċi *Gadus morhua*		
	0304 90 39	—	Laħam iffriżat tal-merluzz ta' l-ispeċi *Gadus ogac* u laħam iffriżat tal-ħut ta' l-ispeċi *Boreogadus saida*		
	0304 90 41	—	Laħam iffriżat tal-merlangu *(coalfish)*		
	0304 90 47	—	Laħam iffriżat tal-marlozz tal-ġenus *Merluccius*		
	0304 90 59	—	Laħam iffriżat tal-merlangu kaħlani		
	ex 0304 90 97	0304 90 97 *31 *39 *50 *60 *70 *80 *90	Laħam iffriżat ieħor tal-ħut, għajr tal-kavall		
09.0795	0305 61 00	—	Aringi, mmelħin iżda mhux imnixxfa jew iffumigati, u aringi fis-salmura	1 750	0
09.0796	0306 19 30	—	Awwisti ffriżati tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*)	50	0

Ordni Nru	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-Taric	Deskrizzjoni	Ammont ta' kwoti (f't)	Dazju tal-kwota (%)
09.0797	1604 12 91	—	Aringi oħra ppreparati u ppriservati, f'reċipjenti ssiġillati ermetikament	2 400	0
	1604 12 99	—	Aringi oħra ppreparati jew priservati, oħra		
09.0798	1604 19 98	—	Ħut ieħor ippreparat jew ppriservat, sħiħ jew f'biċċiet	50	0
	ex 1604 20 90	1604 20 90 *20/80 *30/80 *35/80 *50/80 *90/80	Laħam ieħor tal-ħut ippreparat u ppriservat, għajr ta' l-aringa u kavalli		